# It-Triq lejn id-Deċiżjonijiet 1




# Il-Kunsill tal-Malti twaqqaf fl-2005

«Il-Kunsill għandu wkoll jagħmel kull aġġornament li jkun meħtieġ fl-ortografija tal-Ilsien Malti u, minn żmien għal ieħor, skont il-ħtieġa, jistabbilixxi l-mod kif għandu jinkiteb il-kliem ġdid fil-Malti u l-kitba korretta ta’ kliem u frażijiet li jidħlu fil-Malti minn ilsna oħra.»

Mil-Liġijiet ta’ Malta, Kap. 470, Att dwar l-Ilsien Malti, 2004, Taqsima II 5(2)

- Il-Kunsill beda jħabrek biex isaħħaħ l-ortografija u jwaqqaf l-istandards meħtieġa fl-ilsien Malti
- Identifika l-akbar 3 problemi tal-ortografija:

1. **il-varjanti ortografiċi**
   (pronunzja waħda – kitba differenti)
2. **il-kitba tal-kliem Ingliż fil-Malti**
   (niktbuh la Maltija jew inħalluh kif inhu?)
3. **il-varjanti fonetiċi**
   (pronunzji differenti – kitbiet differenti)

## IL-VARJANTI ORTOGRAFIĊI

Membri tal-Kunsill, l-aktar fosthom is-Sur George Farrugia, bdew jiġbru l-varjanti kollha li sabu, bl-għajnuna ta' tradutturi u għalliema.

Inġabru 'l fuq minn 300 varjant ortografiku, u 1000 varjant fonetiku.

# Il-konsultazzjoni tkompli…

Bosta tradutturi tal-UE għenu billi għaddew lill-Kunsill il-lista "personali" ta' varjanti li qed ittellfuhom f'xogħolhom.

Il-varjanti kollha tqiegħdu fuq is-sit elettroniku tal-Kunsill, biex kulħadd ikun jista' jiflihom u jagħti fehemtu fuqhom lill-Kunsill.

B'avviż fil-gazzetti, il-Kunsill talab lill-pubbliku jfisser l-opinjoni tiegħu. Kull min ta fehemtu rċieva tweġiba mill-Kunsill.

**12 ta' Diċembru 2006**

- Il-Kunsill stieden lil għadd ta' tradutturi, għalliema, ġurnalisti u awturi biex jiktbu fehmiethom fuq il-varjanti ortografiċi.
- Wieġbu 35 persuna li fissru l-opinjoni tagħhom fi ktiba.

- Agius Muscat Anton
- Aquilina Pawlu
- Azzopardi Carmel
- Bezzina Carmel
- Borg Albert
- Briffa Charles
- Cachia Carm C.
- Cachia Lawrenz
- Cassar Mario
- Coleiro Karl
- Degiorgio John
- Fabri Ray
- Farrugia George
- Farrugia Inguanez Simone
- Felice Pace Joe
- Fenech Victor
- Ferstl Maria
- Grima Kenneth
- Gruppetta Christopher
- Izzo Clarke Joseph
- Mifsud Immanuel
- Mifsud Bonnici Ugo
- Mifsud-Chircop Ġorġ
- Muscat David
- Portelli Terence
- Serracino-Inglott Mario
- Spagnol Michael
- Stolz Thomas
- Teuma Edmund
- Vanhove Martine
- Vella Alexandra
- Vella Charles
- Żahra Trevor

# Dawn kollha taw fehmithom fi ktiba… u tawna ħafna x'niflu u x'nixtarru…




Il-ktibiet ġew ippubblikati kollha fi ktieb ta' 195 paġna li tqassam b'xejn lil kulħadd, imma sewa ħafna bħala dokument għad-diskussjoni

... u tqiegħdu wkoll fuq is-sit elettroniku biex kulħadd seta' jaqra l-opinjonijiet, jirreaġixxi għalihom u jifforma tiegħu.



Id-diskussjoni kompliet fl-20 ta' Jannar 2007 f'seminar ta' 180 ruħ fil-lukanda Victoria.



# Il-mistoqsija fuq fomm kulħadd kienet din:



## Il-programm

| | |
|---|---|
| 0830-0900 | Reġistrazzjoni |
| 0900-0910 | Merħba mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, l-Onor. Dr Louis Galea |
| 0910-0920 | Introduzzjoni mill-President tal-Kunsill Nazzjonali ta' l-Ilsien Malti, il-Prof. Manwel Mifsud |
| | Preżentazzjoni A |
| 0920-0945 | Il-Prof. Albert Borg u Carmel Azzopardi jirrappurtaw |
| 0945-1020 | Diskussjoni pubblika |
| 1020-1050 | Waqfa għall-kafè |
| | Preżentazzjoni B |
| 1050-1115 | George Farrugia u Mario Cassar jirrappurtaw |
| 1115-1150 | Diskussjoni pubblika |
| 1150-1250 | Waqfa għall-ikel |
| | Preżentazzjoni Ċ |
| 1250-1315 | Dr Sarah Sammut u Dr Ray Fabri jirrappurtaw |
| 1315-1350 | Diskussjoni pubblika |
| 1350-1400 | Konklużjoni mid-Direttur Eżekuttiv tal-Kunsill tal-Malti, Olvin Vella |




disinn: outlook coop

is-Sibt, l-20 ta' Jannar 2007

mid-0900 sas-1400

The Victoria Hotel, Tas-Sliema



seminar fuq

il-varjanti ortografiċi

barra nett, barranett

begħedna, begħidna

# innaqqsu l-inċertezzi

1 2 3

Għas-seminar huwa mistieden kulħadd, u l-aktar l-għalliema, l-eżaminaturi, il-kittieba, il-qarrejja tal-provi, il-pubblikaturi, l-edituri, il-ġurnalisti u t-tradutturi

gidien, gidjien

gods, gozz

għarkupptejh, għarkubbtejh

Il-Kunsill Nazzjonali ta' l-Ilsien Malti

F’Lulju 2007 l-Kunsill Nazzjonali ħatar Kumitat immexxi mill-Prof. Albert Borg bi 11-il persuna esperta biex jiflu l-varjanti u jaslu għad-deċiżjonijiet meħtieġa.

Il-Kumitat għamel 30 laqgħa ta’ madwar 3 sigħat il-waħda... xogħol ta’ reqqa u taħbil il-moħħ biex jiżen il-fehmiet u jasal għal deċiżjonijiet ċari, ħfief u raġunati.

# Il-membri tal-Kumitat kienu:



Prof. Albert Borg
*Koordinatur*
George Farrugia MA
*Segretarju*
David Agius Muscat MA
Dr Charles Briffa
Prof. Joseph. M. Brincat
Dr Ray Fabri
Prof. Manwel Mifsud
David Muscat BA, PGCE
Carmel Azzopardi MA
Joe Caruana MSc
Mag.phil. Maria Ferstl

Il-Kunsill **approva** d-Deċiżjonijiet unanimament fil-laqgħat tat-12 u s-16 ta' Ġunju 2008.

Ġie deċiż li jkun hemm perijodu ta' 3 snin li matulu l-varjanti mwarrba jibqgħu ttollerati u jitqiesu korretti.

Wara dan il-perijodu jibdew jitqiesu tajbin il-forom magħżula biss.




Wara triq twila ta' konsultazzjoni, ħsieb u diskussjoni, wasalna għad-

**Deċiżjonijiet 1**

li issa sabu posthom mal-istrumenti l-oħra tal-ortografija Maltija...

**Ortografija 2008**

# Il-25 ta' Lulju 2008

Id-Deċiżjonijiet 1 saru uffiċjali bil-pubbblikazzjoni sħiħa tagħhom

fil- **Gazzetta tal-Gvern**

# L-għodod tal-kitba tal-Malti 2008




1924

it-Tagħrif

1984

iż-Żieda







1992

l-Aġġornament

2008

id-Deċiżjonijiet 1



# Lulju 2008

Il-Kunsill beda jxandar id-Deċiżjonijiet 1 lill-pubbliku Malti...

fassal sensiela ta’ laqgħat
ma’ dawk li jħaddmu ħafna
l-Malti f’xogħolhom...

# Programm sfiq ta' laqgħat mal-pubbliku:

- mal-ġurnalisti
- mal-pubblikaturi tal-kotba
- mal-kittieba tal-Malti
- mal-qarrejja tal-provi
- mal-għalliema tas-sekondarja
- mal-għalliema tal-primarja
- mal-pubbliku Malti
  - f'Malta
  - f'Għawdex
- mat-tradutturi tal-Unjoni Ewropea
  - fil-Lussemburgu
  - fi Brussell

# U l-programm diġà beda ...



# Il-Kunsill iħares 'il quddiem




F'April sar it-tieni seminar

- fuq il-kitba tal-kliem Ingliż fil-Malti

Komplu segwuna....

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti
jiżżi ħajr lil kull min għen b'xi mod
biex jitwettaq dan ix-xogħol
u jitnaqqsu l-inċertezzi
fil-kitba tal-ilsien
nazzjonali